**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 ta' Mejju, 2017.**

**Talba Nru: 15/2017PA**

**Alsons Limited**

**vs**

**Caruana Tizianne**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fil-11 ta' Jannar 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet il-ħlas ta' mitejn u tnejn u erbgħin Ewro (€242), rappreżentanti l-bilanċ dovut lilha fuq merkanzija (oġġetti tad-dar) mibjugħa u mogħtija lill-konvenuta; wara li ppremettiet li għalkemm l-oġġetti mibjugħa kienu ġew aċċettati mill-konvenuta, u l-istess konvenuta dejjem wiegħdet li ser tħallas, u filfatt ħallset ammonti varji, sallum għadha ma saldatx il-kontijet tagħha u għandha tħallas il-bilanċ dovut bl-imgħax mit-18 ta' Lulju 2016 sal-pagament effettiv, bl-ispejjeż ġudizzjarji u legali, u bl-imgħaxijiet skond il-liġi mit-18 ta' Lulju 2016 sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenuta kienet debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, pero' baqgħet ma ppreżentax Risposta u lanqas dehret biex tikkontesta l-kawża.

Ra li fl-udjenza tat-23 ta' Mejju 2017, Godwin Pule' għas-soċjeta' attriċi ddikjara bil-ġurament li s-soċjeta' attriċi għandha tieħu mingħand il-konvenuta s-somma mitluba b'din il-kawża, għar-raġunijiet mogħtija, u li sallum dan id-debitu għadu dovut.

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjeta' attriċi tirriżulta suffiċjentement pruvata, fil-kontumaċja tal-konvenut.

Kwantu għall-imgħaxijiet, is-soċjeta' attriċi naqset li tressaq provi li dan in-negozju kien ta' natura kummerċjali, inkella li hija interpellat b'ittra uffiċjali lill-konvenuta biex tħallas, u baqgħet ma ħallsitx. Fiċ-ċirkostanzi, it-Tribunal jidhirlu li japplika f'dan il-każ is-subartikolu (2) tal-artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili, u għalhekk l-imgħaxijiet bdew jgħaddu mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' mitejn u tnejn u erbgħin Ewro (€242), bl-imgħax legali mill-11 ta' Jannar 2017 sad-data tal-ħlas effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuta.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.D.**

**ĠUDIKATUR**